# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 497/2017

510/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Joseph Calleja**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Calleja, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 655056M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur ta' Lulju 2017, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Kiser ordni ta' Qorti mahruga nhar is-7 ta' Lulju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat, Dr. Joseph Mifsud LL.D fejn (a) gew issekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta' tieghu, u (b) li jipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi, jaghti b'rahan, jipoteka jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D fid-digriet tieghu datat 7/7/2017 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2)(3) tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Joseph Calleja u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €11,000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fis-17 ta' Lulju, 2017 f'dawn il-Gzejjer;

4) Bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, billi kiser ordni ta' Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat, Dr. Joseph Mifsud LL.D., fejn (a) gew issekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta' tieghu, u (b) li jipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi, jaghti b'rahan, jipoteka jew xort' ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli hekk kif ikkontemplat

fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tikkonsidra li kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkun null u bla ebda effett fil-ligi u meta dik il-persuna tkun is-sekwestrarju, tordna lil dik il-persuna tiddepozita f'bank ghall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjeta' mobbli ohra mhallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni – ai termini tal-proviso tal-artikolu 24A(10) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2017 li biha, u f'din l-ordni, sabet lill-imputat hati tal-**ewwel** imputazzjoni u kkundannatu ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija bl-ordni li l-flejjes minnu migbuda mill-kont bankarju tieghu jidhlu fil-kompendju tal-assi tal-imputat; ma sabitux hati tar-**raba'** imputazzjoni u lliberatu minnha; izda sabitu hati tat-**tieni** imputazzjoni u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €1,000; **rrevokat** l-helsien mill-arrest tal-imputat u ghazlet li ma tikkonfiskax id-depozitu u garanzija personali stabiliti fid-digriet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest. Finalment cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti stante li ma kien tqabbad ebda espert. [din l-ahhar sanzjoni hija decizjoni dwar dik li l-prosekuzzjoni indikat bhala **it-tielet** imputazzjoni li ma

kienet imputazzjoni xejn izda kienet talba ghar-revoka u ghalhekk gustament l-ewwel Qorti ma elenkatx l-istess bhala imputazzjoni li dwarha kellha tillibera jew issib htija skond il-kaz. Anke l-Avukat Generali erronjament jirreferi ghat-tielet "talba" bhala akkuza];

Rat ir-rikors ta' **Joseph Calleja**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2017, li biha talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata u dan billi **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom u **tikkonferma** s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mir-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu, <u>alternattivament</u> **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat ukoll ir-rikors tal-**Avukat Generali**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru, 2017, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi;

1. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) imputazzjonijiet;
2. **Tikkonfermaha** wkoll fil-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tar-raba' (4) mputazzjoni u lliberatu minnha;
3. **Tikkonfermaha** wkoll f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' sitt (6) xhur, u ghall-piena ta' multa ta' elf Ewro (€1,000);
4. **Tikkonfermaha** wkoll f'dik il-parti fejn ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-appellat u fejn ordnat li l-flus li l-appellat hareg mill-bank jibqghu sekwestrati u jkunu depozitati l-Qorti

sakemm ikun hemm id-decizjoni finali dwar il-mertu tal-kaz pendenti li l-appellat ghandu quddiemha; u

5. **Thassarha** u tirrevokaha fil-parti fejn ezercitat id-diskrezzjoni taghha u ddikjarat li l-ammont stabbilit fid-digriet koncendenti l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u minflok tordna li dan l-ammont komplessiv ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Calleja u dawk tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Joseph Calleja esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din is-sentenza kienet appellata sia mill-Avukat Generali kif ukoll mill-imputat Joseph Calleja. Filwaqt illi fl-appell tieghu l-Avukat Generali jitlob ghall-riforma fil-konsegwenza tal-piena, jigifieri sabiex tkun ordnata l-konfiska ta' €11,000 favur il-Gvern ta' Malta, l-imputat jitlob riforma taghha bil-konferma ta' fejn ma nstabx hati u t-thassir taghha kull fejn instab hati. Ghalhekk huwa logiku li l-ewwel jkun trattat l-appell tal-imputat;

**L-appell ta' Joseph Calleja**:

2. L-imputat jillanja s-sentenza appellata kwantu sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni bil-gravam singolari tal-apprezzament zbaljat tal-provi u tal-fatti. B'dan l-aggravju izda fil-fatt qieghed jattakka ukoll it-tieni u t-tielet imputazzjoni tant li talab ir-revoka tas-sejbien ta' htija f'dawn it-tliet imputazzjonijiet. Dik li l-appellant isejjah bhala t-tielet imputazzjoni hi fil-fatt talba tal-Prosekuzzjoni ghall-arrest mill-gdid tal-imputat u konfiska tal-garanzija. L-aggravju l-iehor huwa dwar il-piena b'mod alternattiv. Dan ghalhekk jirrikjedi ezami approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti, bhala wahda revizorja, tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u mhux biex tiddeciedi l-kaz *ab initio*;

3. Il-fatti ta' dan il-kaz huma konsegwenzjali ghall-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja meta fis-7 ta' Lulju, 2017 wara li Joseph Calleja kien tressaq quddiemha b'arrest sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ta' frodi u appropriazzjoni indebita. Dik il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali tal-flus u proprjeta' mobbli u immobbli kollha dovuti lilu jew li huma proprjeta' tieghu u pprojbietu milli xort'ohra jiddisponi minn proprjeta' mobbli jew immobbli;

4. Gara izda, illi wara dik l-udjenza li fiha l-imputat kien ukoll inghata l-helsien mill-arrest, u proprju fl-istess jum, huwa acceda ghand il-bank fejn kellu kont f'ismu u gibed l-ammont ta' €20,000. Tlett ijiem wara gibed somma ohra fl-ammont ta' €21,000 mill-istess kont u halla fih ammont zghir ta' flus. . Il-Pulizija accediet fir-residenza tal-appellant biex tindaga dwar dawn il-flus u hemm ma sabet xejn u l-istess appellant idderigihom fir-residenza ta' oht il-mara tieghu fejn hemmhekk instab l-ammont ta' €36,500;

5. Jirrizulta mill-atti processwali illi l-appellant, allura imputat, kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja dwar fatti 'l hinn mill-imputazzjonijiet in disamina u dan kif jidher mill-kopja awtentikata tal-verbal tal-udjenza quddiem dik il-Qorti tas-7 ta' Lulju, 2017. F'dik is-seduta, l-Prosekuzzjoni kienet talbet il-hrug ta' Ordni ta' Ffrizar tal-assi tal-imputat u l-Qorti kienet laqghet it-talba u wara li vverbalizzat id-digriet taghha ordnat *inter alia* is-segwenti:

> *Dan l-ordni qed jidhol fis-sehh u jorbot terzi persuni b'mod immedjat u jibqa' hekk fis-sehh sakemm dawn il-proceduri jigu decizi b'mod finali u konkluziv u fil-kaz li l-imputat jinstab hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, sakemm is-sentenza eventwalment moghtija kontra tieghu tkun giet esegwita.*
>
> *Il-Qorti tordna li l-imputat jista' jibqa' jircievi salarju u/jew beneficcji li attwalment qed jircievi f'ammont li ma jeccedix €13,976 fis-sena mill-bank APS fil-fergha tal-Mosta.*

6. Il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lill-Ispettur li investiga l-kaz, ufficjal tal-Bank li kkonferma id-dokumenti bankarji li juru minn liema kont u f'liema ammonti ingibdu dawn il-flus kif ukoll ufficcjal tal-Qorti ghall-konferma tal-Ordni ta' Ffrizar. Kienet ukoll esebita stqarrija tal-imputat li dwarha ma kienet sollevata ebda oggezzjoni. Fuq din l-istqarrija tidher dikjarazzjoni tal-istess imputat li jikkonferma li inghata d-drittijiet kollha tieghu inkluz li jkellem avukat u li kien fil-fatt ikkonsulta mal-avukat tieghu qabel ma ttihditlu l-istqarrija. L-imputat kien stqarr li ma kienx jaf li ma setghax jigbed flus mill-kont tieghu u li gibed dak l-ammont biex ikun jista' jghix sakemm tinqata' l-kawza kontra tieghu u jkun jista' jhallas l-ispejjez inkluz tal-avukat;

7. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi hu ma kellu jipprova xejn u li kienet il-prosekuzzjoni li kellha tipprova l-kaz minghajr dubju dettat mir-raguni. Ezaminati l-atti, inkluz allura s-sentenza appellata, din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-appellant ressaq dan l-aggravju. Il-Prosekuzzjoni ressqet dawk il-provi li kkonvincew lill-ewwel Qorti mill-htija tal-appellant u ma rriskontratx dak il-konflitt li qed jallega l-appellant. Jekk hemm xi konflitt hija fl-istqarrija tal-istess appellant li jghid li ma kienx jaf li ma setghax jigbed dak l-ammont ta' flus u li ghamel hekk biex ikollu biex jghix u minkejja dan jghid li qalulu li issa ser ikollu problema biex jigbed il-flus. Dawk il-flus ma zammhomx hu izda tahhom lil oht il-mara tieghu biex izzommhomlu u l-ghada tas-17 ta' Lulju li gibed €21,000 ohra, igifieri fit-18 ta' Lulju, ttenta jigbed €100 ohra mill-ATM;

8. L-appellant kien prezenti meta sema' lill-Magistrat tal-Istruttorja jaghmel l-ordni tal-iffrizar u jikkoncedilu is-somma ta' €13,976 kull sena li tista' tkun percepita minnu mill-kont mill-APS Bank. L-ewwel Qorti rat illi kien hemm l-intenzjoni doluza tal-imputat meta mar jigri jigbed l-ammont ta' €20,000 dak inhar stess li inghata l-helsien mill-arrest kif ukoll meta rega' mar ghaxart ijiem wara biex prattikament zvojta l-kont bankarju tieghu. Il-karta tal-identita' tieghu kienet mizmuma l-Qorti u qal li prezenta l-licenzja tas-sewqan tieghu lil bank biex jigbed il-flus izda fir-residenza tieghu instabet karta tal-identita' ohra valida u kurrenti. Ma kien hemm xejn irragjonevoli ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet u s-sentenza tal-ewwel Qorti;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju qed ikun michud;

10. It-tieni gravam jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti u jressaq l-argument illi din ma tirrispekkjax l-aspett

riformattiv u li ghalhekk, fil-kwalita' u kwantita' taghha ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali;

11. Anke hawn, il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti kominanti l-piena. Kwantu l-ewwel imputazzjoni li taghha instab hati, l-appellant kien soggett ghal-piena tal-multa ta' mhux aktar minn €11,646.87 jew ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn 12-il xahar jew it-tnejn flimkien. L-ewwel Qorti imponiet prigunerija ghal-sitt xhur li certament hija wahda fil-minimu tenut kont tac-cirkostanzi. Issa, l-ewwel Qorti kienet pjazzata b'mod ahjar minn din il-Qorti biex tqis jekk is-sanzjoni kienetx wahda li tirrientra fl-aspett riformattiv jew le u din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tirrimpjazza dik id-diskrezzjoni bid-decizzjoni taghha llum;

12. Kwantu ghall-multa ta' €1,000.00 mposta ghall-ksur tal-artikolu 579 meta dan kien soggett ghal-piena tal-multa jew prigunerija minn erba' xhur sa sentejn jew it-tnejn flimkien, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet *supra*.

13. Ghal dawn il-motivi l-appell interpost minn Joseph Calleja qed ikun michud;

**L-appell tal-Avukat Generali**:

14. L-appell tal-Avukat Generali huwa limitat ghad-decizzjoni tal-ewwel Qorti dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' garanzija stabbilit fil-koncessjoni tal-helsien mill-arrest bhala konsegwenza ta' sejbien ta' htija fit-tieni imptutazzjoni, dik ta' ksur tal-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest fit-termini tal-artikolu 579 tal-ligijiet ta' Malta;

15. L-Avukat Generali iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti ma kellha ebda diskrezzjoni f'din il-materja u la darba kienet instabet htija fl-imputat, kellha bilfors tghaddi ghal-konfiska tal-ammont garanti;

16. Fid-decizzjoni taghha, l-ewwel Qorti qalet hekk.

> *"Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet, li rrizultat sodisfacentement pruvata, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizijia (Spt. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono il-31 ta' Lulju 2008, "Illi ladarba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat .... din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f'dan il-kaz" filwaqt li tirrevoka l-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti fis-7 ta' Lulju 2017 tordna l-arrest mill-gdid tal-hati. / Izda l-Qorti qieghda tezercita d-diskrezzjoni taghha billi tiddikjara li l-ammont stabbilit fid-digriet koncedenti l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta*;

17. L-Avukat Generali hu tal-fehma illi l-ewwel Qorti kellha tassattivament tghaddi ghall-konfiska tad-depozitu favur il-Gvern ta' Malta kif jiddisponi is-subartiklu (2) tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jipprovdi li f'kaz ta' htija l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jkun konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok, il-Pulizija ressqet lill-imputat bi ksur ta' dan is-subartikolu u mhux skond is-subartikolu (1). Huwa f'dan l-ahhar subartikolu li l-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk tordnax il-konfiska jew le jekk tiddikjara li fatt li ta lok ghal-ksur tal-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest ma hu ta' ebda konsegwenza serja. Inoltre,

fil-kaz in disamina kienet l-istess Qorti li ddikjarat illi "*ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi wiehed zghir*" u ghalhekk kellha tassativament tghaddi sabiex tordna l-konfiska tal-garanzija;

18. Minn kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Lulju, 2017, l-appellat kien inghata l-helsien mill-arrest fuq depozitu ta' €10,000.00 bhala garanzija personali u depozitu ta' €1,000.00, liema ammont komplessiv ghalhekk kellu jkun konfiskat kif inghad *supra.*

19. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u konsegwentement **tirriforma s-sentenza appellata** billi **tikkonfermaha** fl-intier taghha **ghajr** f'dik il-parti li fiha ezercitat diskrezzjoni u ma ordnatx il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija u depozitu maghmul mill-imputat u minflok, **thassaraha** f'dik il-parti u **minflok** tordna li s-somma ta' €11,000.00 rapprezentatni depozitu ta' €1,000.00 u garanzija personali fl-ammont ta' €10,000 ikunu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.